MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 1000/2011

**David Xuereb noe
I.D. 53483(M)**

**Vs**

**Richard Ellis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-24 ta’ Novembru 2011 fejn l-attur huwa l-amministratu ta’ Lockestone Court Owners Association, li l-konvenut kien jifforma parti minnha;

Illi l-konvrnut naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti minnu bhala membru tal-Lockestone Court Owners Associations ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-Lockestone Court, in kwantu erba’ mitt Ewro (€400) ghas-sena elfejn u ghaxra, elfejn u hdax (2010/2011) u hames mija u hamsa

u sebghin Ewro (€ 575) ghas-sena elfejn u hdax, elfejn u tnax (2011/2012);
Illi nonostante l-fatt li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil dana t-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija, u hamsa u sebghin Ewro (€975) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut  u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin Ewro (€975) bl-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------